



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.11.2007
KUMM(2007) 650 finali

2007/0236 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI QAFAS TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni Qafas 2002/475/JHA dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2007) 1424}

{SEG(2007) 1425}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

It-terroriżmu jikkostitwixxi wieħed mill-aktar theddid serju għad-demokrazija, għall-użu ħieles tad-drittijiet tal-bniedem u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

L-Unjoni Ewropea stabbilixxiet għaliha nfisha għan fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tipprovdi liċ-ċittadini livell għoli ta' sigurtà fl-ambitu ta' Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Huwa importanti ħafna li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jkollhom fis-seħħ liġijiet kriminali effettivi sabiex jinkiseb dan il-għan fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Huwa kruċjali wkoll li jittieħdu miżuri sabiex titjeb il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam.

It-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni moderni għandhom rwol importanti fil-propogazzjoni tat-theddida tat-terroriżmu. L-Internet, b'mod partikolari, huwa irħis, veloċi, ta' aċċess faċli u għandu firxa Prattikament globali. Dawn il-vantaġġi kollha, li huma apprezzati ħafna minn ċittadini li jobdu l-liġi li jibbenefikaw mill-Internet fil-ħajja ta' kuljum tagħhom, huma wkoll sfortunatament sfruttati mit-terroristi. Dawn jużaw l-Internet bħala mezz ta' tixrid ta' propoganda li l-għan tagħha huwa il-mobilizzazzjoni u r-reklutaġġ kif ukoll struzzjonijiet u manwali *online* maħsuba għat-taħriġ għall-attakki jew l-ippjanar tagħhom. It-tnejn huma indirizzati lejn sostenituri attwali u potenzjali.

L-Internet iservi b'dan il-mod bħala wieħed mill-istimulaturi prinċipali tal-proċessi ta' radikalizzazzjoni u reklutaġġ u jservi wkoll bħala sors ta' informazzjoni dwar mezzi u metodi terroristiċi, u b'hekk jiffunzjona bħala 'kamp ta' taħriġ virtwali'. It-tixrid ta' propaganda terroristika u għarfien espert terroristiku permezz ta' l-Internet jikkomplimenta u jtejjeb l-indottrinazzjoni u t-taħriġ *off-line* u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' pjattaforma aktar b'saħħitha u aktar wiesgħa għall-attivisti u s-sostenituri terroristiċi.

Il-prevenzjoni ta' din it-theddida li qiegħda tiżdied tikkostitwixxi urġenza politika. It-terroriżmu modern u l-*modus operandi* ġdid tiegħu jrid jiġi miġġieled mill-UE bl-istess determinazzjoni u saħħa murija fil-ġlieda kontra t-terroriżmu tradizzjonali. Din il-proposta taġġorna d-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu [ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3-7] u taġġustaha mal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu, billi tiddaħħal il-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terrostriċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu fil-kunċett tagħha tat-terroriżmu.

Huwa importanti li dawn l-offiżi jiġu inklużi fid-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, prinċipalment għar-raġunijiet li ġejjin:

- timplika l-vantaġġi tal-qafas istituzzjonali aktar integrat ta' l-Unjoni Ewropea (b'mod partikolari: in-nuqqas ta' proċeduri fit-tul ta' iffirmar u ratifikar bħal fil-każ tal-Konvenzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa, l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi ta' segwitu xierqa l-interpretazzjoni komuni mill-Qorti tal-Ġustizzja);

- id-Deċiżjoni Qafas tipprovdi għal reġim legali speċifiku, b'mod partikolari fejn jirrigwarda t-tip u l-livell tal-penali kriminali u r-regoli obligatorji dwar il-ġurisdizzjoni, li jkun applikabbli wkoll għall-offiżi integrati reċentement;

- id-Deċiżjoni Qafas hija strument ewlieni fil-politika ta' l-UE għal kontra t-terroriżmu: għaldaqstant, l-inklużjoni espliċita ta' dawn l-atti ta' tħejjija speċifiċi tiġġenera l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li jirreferu għad-Deċiżjoni Qafas.

Dwar il-valur miżjud ta' l-inklużjoni tal-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroistiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu fil-kunċett ta' l-UE tat-terroriżmu jingħataw aktar dettjali fil-Valutazzjoni ta' l-Impatt.

Id-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu tapplika wkoll għal imġiba li tista' tikkontribwixxi għal atti ta' terroriżmu f'pajjiżi terzi. Dan jirrifletti l-impenn tal-Kummissjoni biex it-terroriżmu jiġi miġġieled f'livell globali kif ukoll fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea. Din il-proposta ssostni dan l-approċċ u tenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni internazzjonali fi hndan il-qafas ta' organizzazzjonijiet eżistenti u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma msejsa fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-garanzija tad-dinjità tal-persuna umana, u l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet, kemm fir-rigward ta' individwi kif ukoll fir-rigward ta' istituzzjonijiet.

• Kuntest ġenerali

L-Unjoni Ewropea

Id-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu tqarreb lejn id-definizzjoni ta' reati terroistiċi fl-Istati Membri kollha u tiżgura li jingħataw pieni u sanzjonijiet lill-persuni naturali u ġuridiċi li jkunu wettqu jew li jkunu responsabbli għal dawn ir-reati, li jirriflettu s-serjetà tagħhom. Tistabbilixxi l-każijiet fejn l-Istati Membri huma obbligati li jassumu ġurisdizzjoni fuq reati terroistiċi sabiex dawn ikunu jistgħu jitħarrku b'mod effiċjenti u tinkludi miżuri speċifiċi rigward il-protezzjoni tal-vittmi ta' reati terroistiċi u l-ġhoti ta' l-għajnuna lilhom minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom.

L-ewwel rapport ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu [COM(2004)409 finali tat-08.06.2004 u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SEC(2004) 688 tat-08.06.2004] ikkunsidra l-implimentazzjoni nazzjonali f'dak iż-żmien. It-tieni rapport ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni adottat fl-istess żmien li fi h ġiet adottata din il-proposta, jaġġorna l-valutazzjoni dwar Stati Membri li diġà ġew evalwati fir-rapport preċedenti u jinkludi evalwazzjoni sħiħa u oriġinali ta' l-implimentazzjoni ta' Stati Membri evalwati għall-ewwel darba. Iż-żewġ rapporti jirriflettu l-livell ta' armonizzazzjoni miksub fl-Unjoni wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u jipprovdu linji gwida ta' interpretazzjoni utli kif ukoll ħarsa ġenerali siewja lejn il-leġislazzjoni kontra t-terroriżmu fl-Istati Membri.

Taħt il-Programm ta' l-Aja, il-Kunsill Ewropew jisħaq li l-prevenzjoni effettiva u l-ġlieda kontra t-terroriżmu b'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali titlob li l-Istati Membri ma jillimitawx l-attivitajiet tagħhom għaż-żamma tas-sigurtà tagħhom infushom iżda jiffokaw ukoll fuq is-sigurtà ta' l-Unjoni kollha kemm hi.

Skond l-Istrateġija ta' l-UE u l-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ adottata mill-Kunsill JAI ta' Diċembru ta' l-2005, l-UE teħtieġ miżuri li jiġġieldu kontra l-użu ta' l-Internet mit-terroisti. Tenfasizza wkoll li l-attivitajiet ta' l-Istati Membri jridu jkunu akkumpanjati minn azzjoni fil-livell ta' l-UE.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006, il-Kunsill Ewropew talab espressament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jiżviluppaw miżuri bħala prevenzjoni kontra l-abbuż ta' l-Internet għal għanijiet terroistiċi filwaqt li fl-istess ħin josservaw d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali.

Internazzjonali

Il-Kunsill tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu (Varsavja, 16 ta' Mejju 2005) jitlob lill-Partijiet ta' l-Istat sabiex jiżguraw li l-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu jkunu punibbli.

Barra minn hekk, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1624 (14 ta' Settembru 2005) u l-Istrateġija Globali Kontra t-Terroriżmu tan-Nazzjonijiet Uniti (8 ta' Settembru 2006) huma partikolarment rilevanti. Għandhom jiġi kkunsidrati wkoll is-Samit tal-G8 (St Petersburg, Federazzjoni Russa, is-16 ta' Lulju 2006), u d-Deċiżjoni Nru 7/06 "Il-Ġlieda kontra l-użu ta' l-Internet għal Finijiet Terroristiċi" tal-Kunsill Ministerjali ta' l-OSCE (5 ta' Diċembru 2006).

• **Id-dispożizzjonijiet attwali fil-qasam tal-proposta**

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu jiddikjara li l-inċitazzjoni, l-għajnuna jew it-tixwix ta' reati terroristiċi għandhom ikunu punibbli mill-Istati Membri. L-Artikolu 2 ta' l-istess strument jitlob lill-Istati Membri sabiex iżommu responsabbli b'mod kriminali lil dawk li jmexxu grupp terroristiku jew li jipparteċipaw fl-attivitajiet tiegħu. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma jkoprox espliċitament it-tixrid ta' propaganda terroristika u ta' l-għarfien espert terroristiku, b'mod partikolari permezz ta' l-Internet.

L-Artikoli 5 sa 7 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa għall-prevenzjoni tat-terroriżmu jitolbu li l-Partijiet ta' l-Istat jiżguraw li meta l-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu jitwettqu b'mod illegali u intenzjonalment, dawn ikunu punibbli (l-Artikoli 5 sa 7). Barra minn hekk, l-Artikolu 9 jitlob lill-Partijiet ta' l-Istati sabiex jistabilixxu reati anċillari għal dawk imsemmija fl-Artikoli 5 sa 7.

• **Il-konsistenza ma' politika u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti ma' l-Istrateġija ta' l-UE u l-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ, taġġorna u tikkumplementa l-qafas legali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ta' l-UE u tikkonforma mal-Karta dwar Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea [ĠU C 364, 18.12.2000, p.1].

Miżuri ta' kontra t-terroriżmu jridu jmorru id f'id mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Din il-proposta tiegħu ħsieb il-kwistjonijiet li huma fuq il-konfini bejn l-eżerċizzju leġittimu ta' libertajiet, bħal mhuma l-libertà ta' l-espressjoni, l-assoċjazzjoni jew ir-reliġjon, u l-aġir kriminali. Għalhekk, fl-elaborazzjoni tagħha tqiesu b'reqqa dawn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. B'mod partikolari, ir-restrizzjonijiet imposti għall-libertà ta' l-espressjoni mir-reat ġdid ta' l-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku huma konsistenti ma' l-Artikolu 10 ta' l-ECHR.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U STIMA TA' L-IMPATT

• **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li wiegħbu

Il-Kummissjoni ħarġet tliet kwestjonarji differenti fl-2006: kwestjonarju lill-Istati Membri fis-26 ta' Ġunju 2006; kwestjonarju lill-midja, l-industrija rilevanti u s-soċjetà ċivili, l-NGOs

internazzjonali, Ewropej u nazzjonali li jieħdu ħsieb il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, l-assoċjazzjonijiet ta' l-avukatura u tal-ġuristi, il-pubblikaturi, l-assoċjazzjonijiet ta' xandara u ta' ġurnalisti, il-fornituri tas-servizzi ta' l-Internet, il-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni, u industrij oħra rilevanti fl-20 ta' Novembru 2006, u fl-aħħarnett, kwestjonarju lil Europol, Cepol u Eurojust fil-11 ta' Diċembru 2006. B'żieda ma' dan, saru konverżazzjonijiet u laqgħat ma' rappreżentanti tal-midja Ewropea u mal-fornituri tas-servizzi ta' l-Internet Ewropej. Fl-aħħarnett, saret konferenza fl-20 ta' Marzu 2007 sabiex tgħaqqad flimkien rappreżentanti ta' l-Istati Membri, l-Europol u, l-Eurojust u ċ-Cepol, jippreżentaw ir-riżultati tal-kwestjonarji u jiddiskutu soluzzjonijiet possibbli biex jiġi miġġieled l-użu ta' l-Internet għal finijiet terroristiċi.

Taqsira tat-tweġibiet u kif ittieħdu f'kunsiderazzjoni

It-tweġibijiet għat-tliet kwestjonarji huma ppreżentati fil-qosor fl-annessi I, II u III tal-valutazzjoni ta' l-impatt annessa ma' din il-proposta.

Il-konferenza li saret fl-20 ta' Marzu 2007 kkonfermat li hemm appoġġ biżżejjed għall-emenda tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu sabiex jiġu inklużi r-reati ġodda ta' provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu, inkluż meta dawn jitwettqu permezz ta' l-Internet, sakemm il-kriminalizzazzjoni ma tmurx lil hinn mill-bilanċ miksub fil-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu.

Il-proposta attwali tikkostitwixxi approċċ bilanċjat li kkunsidra t-tweġibiet għat-tliet kwestjonarji u l-fehmiet espressi matul il-proċess ta' konsultazzjoni u tistrieħ fuq il-valutazzjoni ta' impatt annessa. B'mod partikolari, il-proposta tinkludi reati paralleli ma' dawk introdotti fil-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu. B'dan il-mod, tipprovdi għal miżuri legali adegwati li jittrattaw il-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu, inkluż meta dawn jitwettqu permezz ta' l-Internet. Hija għal kollox konformi mad-drittijiet tal-bniedem u ma tibdilx ir-reġim ta' responsabbiltà għall-fornituri tas-servizzi ta' l-Internet stabbilit taħt id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

• **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm l-ebda hteieġa għal għarfien espert estern.

• **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

1. L-ebda tibdil fil-politika (li huwa *status quo* dibattibbli minħabba fl-eżistenza tal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu).
2. Il-projbizzjoni milli l-fornituri tas-servizzi ta' Internet jagħtu aċċess għal materjal li l-għan tiegħu huwa l-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ jew it-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu.
3. It-titjib tal-kapaċitajiet u l-għarfien espert ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi sabiex jiġi miġġieled l-użu ta' l-Internet għal finijiet terroristiċi (permezz ta' taħriġ adegwat, l-appoġġ ta' esperti u tagħmir effiċjenti, possibilment finanzjat mill-Kummissjoni).
4. It-tkegġiġ ta' l-Istati Membri sabiex jiffirmaw u/jew jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu (permezz ta' stqarrija politika).
5. Ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu sabiex jiġu introdotti reati paralleli ma' dawk previsti taħt il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-

prevenzjoni tat-terroriżmu u biex il-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu, anke permezz ta' l-Internet, isiru punibbli.

Wara li jiġu eżaminati bir-reqqa l-impatti fuq is-sigurtà, l-ekonomija u d-drittijiet tal-bniedem ta' kull waħda mill-għażliet kif ukoll jintiżnu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom, il-kombinazzjoni ta' l-għażla 5 flimkien ma' l-għażla 3 tidher li hija l-politika l-aktar effettiva fil-ġlieda kontra l-użu ta' l-Internet mit-terroristi filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem.

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni ta' impatt elenkata fil-Programm ta' Hídma, aċċessibbli fuq www.europa.eu.int.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

• L-azzjoni proposta fil-qosor

L-emenda proposta tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu hija maħsuba sabiex tarmomizza id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu, sabiex dawn il-forom ta' aġir ikunu punibbli, anke meta jitwettqu permezz ta' l-Internet, f' l-UE kollha, u tiżgura li d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar pjeni, ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi, il-ġurisdizzjoni u l-prosekuzzjoni applikabbli għal reati terroristiċi, japplikaw ukoll għal dawn il-forom ta' aġir.

• Bażi legali

L-Artikoli 29, 31 (1) (e) u 34 (2) (b) TUE.

• Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika għal azzjoni mill-Unjoni.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

It-terroriżmu modern huwa eminentement globali. It-tixrid ta' propoganda li l-għan tagħha huwa il-mobilizzazzjoni u r-reklutaġġ kif ukoll struzzjonijiet u manwali *online* maħsuba għat-taħriġ jew l-ippjanar ta' attakki permezz ta' l-Internet għandu natura intrinsika internazzjonali u transkonfinali. It-theddida hija internazzjonali, u hekk għandha tkun għall-inqas parti mit-tweġiba.

Kemm il-politika tal-ġlieda kontra t-terroriżmu ta' l-UE kif ukoll dik tal-kriminalità elettronika jirrikjedu sforzi koordinati ta' l-Istati Membri kif ukoll koordinazzjoni fuq livell internazzjonali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħhom. Differenzi fit-trattament legali fl-Istati Membri differenti jfixxlu l-isforzi koordinati meħtieġa fuq livell ta' l-UE u l-kooperazzjoni diffiċli fuq livell internazzjonali.

Azzjoni ta' l-Unjoni tikseb aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġunijiet li ġejjin.

Hemm hteġġa ċara għall-estensjoni ta' l-isforzi kumplementari attwali fuq livell nazzjonali u ta' l-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu għall-*modus operandi* l-ġdid tat-terroristi. L-estensjoni tad-definizzjoni komuni attwali tat-terroriżmu żżomm lil dawn it-terroristi milli jibbenifikaw minn lakuni u diverġenzi fil-liġi nazzjonali. Xogħol operattiv ta' infurzar tal-liġi kontra attivitajiet kriminali traskonfinali għandu jiġi ffaċilitat konsiderevolment. Bażi komuni

maqsuma bejn l-Istati Membri kollha tiffaċilita wkoll il-kooperazzjoni fuq livell internazzjonali, billi ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' l-UE f'fora internazzjonali.

Żieda fil-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġijiet fuq livell ta' l-UE u fuq livell internazzjonali għandha tirriżulta f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet aktar effiċjenti, li jwasslu għal żieda fis-sigurtà.

Il-proposta għalhekk tikkonforma mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ u dak li qed iżid il-valur fuq livell ta' l-UE. Bħala Deċiżjoni Qafas, torbot fuq l-Istati Membri fir-rigward tar-riżultati li jridu jinkisbu iżda tħalli l-għażla tal-forma u tal-metodi biex jinkisbu dawk ir-riżultati f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar kummerċ elettroniku u d-Direttiva dwar iż-żamma tad-*data* ma jinbidlux sabiex l-ebda obbligu ġdid ma jiġi impost fuq il-fornituri jew l-operaturi tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni. Il-proposta ma timponix fuq l-industrija l-piż ta' l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ġodda ta' kooperazzjoni. Twassal sempliċement għal żieda fl-użu ta' mekkaniżmi eżistenti taħt id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku u d-Direttiva dwar iż-żamma tad-*data*. Spejjeż indiretti li jirriżultaw minn din il-proposta huma limitati għall-ammont tax-xogħol addizzjonali li jirriżulta minn investigazzjonijiet relatati mar-reati l-ġodda. Meta wieħed jikkunsidra n-numru ta' prosekuzzjonijiet ta' terroristi kull sena fl-UE, jidher li dawn l-ispejjeż mhumiex sinifikanti.

- **Għażla ta' strumenti**

L-istrumenti proposti: Id-Deċiżjoni Qafas ibbażata fuq l-Artikolu 34(2) tat-TUE. Minħabba li l-għan huwa l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri, strumenti oħra mhumiex xierqa.

4. IMPLIKAZZJONI FUQ IL-BAĠIT

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

Proposta għal

DEĊIŻJONI QAFAS TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni Qafas 2002/475/JHA dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 u l-Artikolu 31(1) (e) u l-Artikolu 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²,

Billi:

- (1) It-terroriżmu huwa wieħed mill-aktar vjolazzjonijiet serji tal-valuri universali tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea. Jirrappreżenta wkoll wieħed mill-aktar attacchi serji kontra l-prinċipju tad-demokrazija u l-prinċipju tar-regola tal-liġi, il-prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri u li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea.
- (2) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/745/JHA dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu tirrappreżenta l-bażi tal-politika kontra t-terroriżmu ta' l-Unjoni Ewropea. Il-kisba ta' qafas ġuridiku komuni għall-Istati Membri kollha, u b'mod partikolari, ta' definizzjoni armonizzata ta' reati terroristiċi, ippermettiet li l-politika kontra t-terroriżmu ta' l-Unjoni Ewropea tiżviluppa u tespandi, bla ħsara għall-osservanza tad-drittijiet fundamentali u s-supremazja tad-dritt.
- (3) It-theddida terroristika kibret u evolviet b'mod mgħaġġel f'dawn l-aħħar snin, b'bidliet fil-*modus operandi* ta' attivisti u partitarji terroristiċi inkluż il-bdil ta' gruppi strutturati u ġerakiċi minn ċelloli semi-awtonomi marbuta ma' xulxin b'mod relattivament laxk. Dawn iċ-ċelloli jorbtu flimkien netwerks internazzjonali u kull ma jmorru jistrieħu aktar fuq l-użu ta' teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari l-Internet.
- (4) L-Internet jintuża' biex jispira u jimmobilizza netwerks u individwi terroristiċi lokali fl-Ewropa u jservi wkoll bħala sors ta' informazzjoni dwar mezzi u metodi terroristiċi, u b'hekk jiffunzjona bħala 'kamp tat-taħriġ virtwali'. Aktivitajiet ta' provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu immultiplikaw bi spiża u riskju baxxi ħafna.
- (5) Il-Programm ta' l-Aja jisħaq li l-prevenzjoni u l-ġlieda effikaċi kontra t-terroriżmu b'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali jitolbu li l-Istati Membri ma jillimitawx l-aktivitajiet tagħhom għaż-żamma tas-sigurtà tagħhom iżda jiffokaw ukoll fuq is-sigurtà ta' l-Unjoni kollha kemm hi.

¹ [...]

² [...]

- (6) Il-pjan ta' azzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' l-Aja jfakkar li hu meħtieġ rispons globali biex jiġi indirizzat it-terroriżmu u li l-aspettazzjonijiet li għandhom iċ-ċittadini mill-Unjoni ma jistgħux jiġu injorati, u l-Unjoni lanqas ma tista' ma tweġibx għalihom. Tiddikjara wkoll li l-attenzjoni għandha tiġi ffukata fuq aspetti differenti tal-prevenzjoni, l-istat ta' preparazzjoni u r-rispons sabiex jissaħħu aktar, u fejn hu meħtieġ jiġu kkumplimentati, il-kapaċitajiet ta' l-Istati Membri biex jiġġieldu kontra t-terroriżmu, b'konċentrazzjoni partikolari fuq ir-reklutaġġ, l-iffinanzjar, l-analiżi tar-riskju, il-protezzjoni ta' l-infrastrutturi kritiċi u l-ġestjoni tal-konsegwenzi.
- (7) Il-proposta attwali tipprevedi l-kriminalizzazzjoni ta' reati marbuta mat-terroriżmu sabiex tikkontribwixxi għall-għan ta' politika aktar ġenerali tal-prevenzjoni tat-terroriżmu permezz tat-tnaqqis fit-tixrid ta' dawk il-materjali li jistgħu jinċitaw lil persuni sabiex iwettqu attacchi terroristiċi.
- (8) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1624 (2005) issejjaħ lill-Istati biex jieħdu miżuri li huma neċessarji u xierqa, u skond l-obbligi tagħhom taħt il-liġi internazzjonali, jipprojbixxu skond il-liġi inċitazzjoni li jitwettaq att jew jitwettqu atti terroristiċi u li tittieħed prevenzjoni kontra tali imġiba. Ir-rapport tas-Segretarjat Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti "Ningħaqdu kontra t-terroriżmu: rakkomandazzjonijiet għal strateġija globali kontra t-terroriżmu" tas-27 ta' April 2006, jinterpreta r-riżoluzzjoni hawn fuq imsemmija bħala li tipprovdi għal bażi għall-kriminalizzazzjoni ta' l-inċitazzjoni għal atti terroristiċi u r-reklutaġġ, inkluż meta dan isir permezz ta' l-Internet. L-Istrateġija Globali Kontra t-Terroriżmu tan-Nazzjonijiet Uniti (8 ta' Settembru 2006) issemmi r-riżoluzzjoni ta' l-Istati Membri tan-NU li jesploraw modi u mezzi biex jikkoordinaw sforzi fuq livell internazzjonali u reġjonali fil-għieda kontra t-terroriżmu fil-forom u l-manifestazzjonijiet kollha tiegħu fuq l-Internet.
- (9) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-Prevenzjoni kontra t-Terroriżmu tistabbilixxi l-obbligi ta' l-Istati Kontraenti f'din il-Konvenzjoni biex tiġi kriminalizzata l-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku u r-reklutaġġ u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu, meta jitwettqu b'mod illegali u intenzjonalment.
- (10) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi, inklużi reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, għandha tiġi approssimata aktar fl-Istati Membri kollha, sabiex tkopri l-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ u t-taħriġ għal skopijiet terroristiċi, meta jitwettqu intenzjonalment.
- (11) Għandhom jingħataw pieni u sanzjonijiet lill-persuni naturali u ġuridiċi li jkunu wettqu jew li huma responsabbli għall-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu, meta dawn jitwettqu b'mod illegali u intenzjonalment. Dawn il-forom ta' aġir għandhom ikunu punibbli ugwalment fl-Istati Membri kollha indipendentement minn jekk jitwettqux permezz ta' l-Internet jew le.
- (12) Għandhom jiġu stabbiliti regoli ġurisdizzjonali ulterjuri biex jiġi żgurat li provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu jkunu jistgħtu jitħarrku b'mod effikaċi meta dawn ikunu diretti lejn it-twettiq ta' offiża terroristika jew jirriżultaw f'offiża ta' din ix-xorta li hi suġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.
- (13) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri wehedom, u jistgħu, għaldaqstant, minħabba l-bżonn ta' regoli armonizzati madwar l-Ewropa, jintlaħqu aħjar fuq livell ta' l-Unjoni, l-Unjoni tista'

tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, din id-Deċiżjoni Qafas ma tmurx lil hinn minn dak li hemm bżonn biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

- (14) L-Unjoni tosserva l-prinċipji rikonnoxxuti fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li jidhru fil-Karta dwar Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitoli II u VI tiegħu. Xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas ma jista' jkun interpretat li hu maħsub li jnaqqas jew jirrestrinġi d-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali bħall-libertà ta' espressjoni, il-libertà li tissieħeb, jew ta' assoċjazzjoni, id-dritt għar-rispett tal-privatezza u l-ħajja familjari, inkluż id-dritt għar-rispett tal-konfidenzalità tal-korrispondenza.
- (15) Provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet terroristiċi u t-taħriġ għal skopijiet terroristiċi huma delitti intenzjonali. Għaldaqstant, xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas ma jista' jkun interpretat li hu maħsub li jnaqqas jew jirrestrinġi t-tixrid ta' informazzjoni għal finijiet xjentifiċi, akkademiċi jew ta' rappurtar. L-espressjoni ta' fehmiet radikali, polemiċi jew kontroversjali fid-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet politiċi sensittivi, inkluż it-terroriżmu, ma tidħolx fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni Qafas u, b'mod partikolari, tad-definizzjoni ta' provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi,

ADOTTA DIN DEĊIŻJONI QAFAS:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Qafas tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"L-Artikolu 3 – Reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi

(1) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas:

- (a) "provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni ta' l-inċitazzjoni tat-twettiq ta' wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba, kemm jekk tippromwovi direttament reati terroristiċi kif ukoll jekk le, tikkaġuna periklu li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar.
- (b) "ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu" jfisser li wieħed ifittex persuna oħra sabiex twettaq wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1), jew fl-Artikolu 2(2).
- (c) "it-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu" jfisser li tiġi pprovduta struzzjoni dwar kif isiru jew jintużaw l-isplussivi, l-armi tan-nar jew armi oħra jew is-sustanzi tossiċi jew perikolużi, jew dwar metodi u tekniki oħra speċifiċi, għall-iskop li jitwettaq wieħed jew aktar mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1), bix-xjenza li l-ħiliet ipprovduti jkunu maħsuba biex jintużaw għal dan l-iskop.

(2) Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura li r-reati marbuta mat-terroriżmu jinkludu dawn l-atti intenzjonali li ġejjin:

- (a) provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku.
- (b) ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu.
- (c) it-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu.

- (d) serq aggravat bl-iskop li jitwettaq wieħed jew aktar mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1);
 - (e) estorsjoni bl-iskop li jitwettaq xi wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1);
 - (f) it-tnejn ta' dokumenti amministrattivi foloz bl-iskop li jitwettaq xi wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) sa (h) u l-Artikolu 2(2)(b).
- (3) Biex att ikun punibbli kif imniżżel fil-paragrafu 2, m'għandux ikun meħtieġ li fil-fatt jitwettaq reat terroristiku.

2. Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li t-tentattiv li jitwettaq xi reat elenkat fl-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3, bl-eċċezzjoni tal-pussess kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)(f) u r-reati msemmija fl-Artikolu 1(1)(i) u l-Artikolu 3(2)(a) sa (c), ikunu punibbli."

3. Fl-Artikolu 9 għandu jizjed il-paragrafu 1 (a) li ġej:

"1a. Kull Stat Membru għandu wkoll jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikolu 3(2) (a) sa (c) fejn ir-reat kien immirat lejn jew irriżulta fit-tweqqif ta' reat imsemmi fl-Artikolu 1 u tali reat irid jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' l-Istat Membru skond xi wieħed mill-kriterji stipulati fil-paragrafu 1(a) sa (e) ta' dan l-Artikolu."

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Qafas sal-31 ta' Diċembru ta' l-2008."
2. Sal-31 ta' Diċembru ta' l-2008, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom skond din id-Deċiżjoni Qafas. Fuq il-bażi tar-rapport imfassal min dik l-informazzjoni u ta' rapport mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jivvaluta, sal-31 ta' Diċembru ta' l-2009, jekk l-Istati Membri ħadux il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Qafas."

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*